**NOMINA TA' PROF CHARLES MIFSUD GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-ARĠENTINA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandha l-Arġentina? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar ambaxxatur?

   Sa minn meta kont student f'Londra u Cambridge l-Ingilterra u kelli sħabi minn dan il-pajjiż kont issaħħart bil-karattru tan-nies u l-kultura u l-letteratura ta' dan il-pajjiż u bqajt insegwi x'jigri f'dan il-pajjiż. Huwa it-tmin l-akbar pajjiż fid-dinja, b'terz tal-popolazzjoni tgħix fil-kapitali Buenos Aires, li hi waħda mill-ikbar bliet fid-dinja. F'dan is-sens pajjiż li joffri ħafna opportunitajiet għal relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi f'diversi oqsma u suq kbir għall-investituri Maltin. Fl-istess pajjiż għandek kulturi differenti. Is-servizzii tas- Saħħa u tal-Edukażżjoni huma b'xejn. B'mod ġenerali l-Arġentinjani huma nies dħulin. Il-cost of living u l-kera huma relattivament baxxi, imma l-prodotti elettroniċi huma għoljin għax ħafna minnhom huma impurtati.

   Jekk ninħatar jien se naħdem sabiex inżidu l-għarfien bejn iż-żewġ pajjiżi. Ninnota bi pjaċir li numru ta' żgħażagħ Maltin qed iżuru l-Arġentina u jagħrfu x'esperjenża unika joffri dan il-pajjiż. Għandna wkoll numru ta' żgħażagħ mill-Amerika Latina li qed jiskopru lil Malta għat-tagħlim tal-Ingliż u korsijiet oħra, bħal dawk tal-Business u t-Teknoloġija. Hemm interess qawwi mill-Maltin fil-kultura Amerikana Latina, fejn jidħlu l-ivvjaġġar, iz-zfin, l-ikel u l-letteratura. Dan l-għarfien għandu jwassal sabiex inkunu nistgħu nżidu l-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi u r-rabtiet kulturali u edukattivi.

2. Bħala Ambaxxatur mhux residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn l-Arġentina u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relażżjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

   Ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħna mal-Arġentina huma rregolati permezz tat-Trattati li l-Unjoni Ewropeja għandha mal-Arġentina. Għalħekk importanti li nsegwu l-Joint Communications bejn l-Unjoni Ewropeja u l-Arġentina. Il-Joint Communication li jmiss għandu jinħareġ iktar tard din is-sena. Għandna nipparteċipaw ukoll u nsegwu l-laqgħat tal-UE-CELAC (pajjiżi tal-Amerika Latina u l- Karibew). U nappoġġjaw l-isforzi għal rizoluzzjoni politika paċifika u demokratika għall-kriżi fil-Venezwela u tal-Islas Malvinas/Falklands Islands.

   Irridu naraw li jiżdiedu l-iskambji politiċi, soċjali u kulturali bejn iz-zewg pajjiżi. Li jkun hemm Joint Committees f'diversi oqsma, trade missions u aċċess aħjar fir-rotot tal-ivjaġġar.

3. X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-Arġentina? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

   Fir-rigward tal-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi l-iktar li nesportaw lejn l-Arġentina huma prodotti elettriċi u ta' elettronika, materjal tal-lastiku, u makkinarju mekkaniku ieħor. Nimportaw l-iktar laħam u prodotti tal-laħam, kimiċi organiċi, u frott u lewż. Nemmen li b'ħidma iżjed intensiva nistqħu inżidu b'mod qawwi l-l-esportazzjoni lejn l-Arġentina u l-pajjiżi ġirien. Irridu nesploraw niċeċ godda bhal dawk fit-teknologija, b'mod speċjali dik ħadra, u l-farmaċewtika. Dan wara li fis-sena l-oħra diġa' kien hemm żjieda qawwija fl-esportazzjoni. Nemmen li għandu jkun hemm għarfien ikbar bejn iċ-Chambers of Commerce taż-żewġ pajjiżi b'komunikazzjoni u laqgħat spissi. Anke permezz ta' trade missions miż-żewġ naħat, sostnuti mill-Malta Enterprise, l-Malta Tourism Authority, eċċ.
   Għarfien ikbar bejn iż- żewġ pajjiżi u b'kampanji immirati jista' jwassal għal żjieda fit-turisti lejn Malta.

4. Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

   Ir-relazzjonijiet bejn pajjiżna u l-Arġentina iseħħu fil-qafas tar-relazzjonijiet ben l-UE u l-Arġentina, dak li jissejjaħ l-EU-Mercosur Trade Agreement: li jkopri l- Arġentina, il-Brażil, il-Paraguay u l-Uruguay – li dwaru kien intlaħaq qbil politiku f'Ġunju tal-2019 u li jinkludi Trattat komprensiv dwar il-Kummerċ. Għalkemm in-negozjati dwar it-Trattat huma magħluqa, dan ma' ġiex ppreżentat lill-Kunsill. Qed issir ħidma sabiex dan it-Trattat jingħalaq. Xi stati membri ma jaqblux ma' ċerti aspetti ta' dan it-Trattat.

   Minn naħa tagħna aħna nilqgħu il-kooperazzjoni li dejjem qed tikber bejn l-UE u l-Arġentina. Nittamaw u naħdmu sabiex l-impasse dwar it-Trattat tal-EU-Mercosur jiġi riżolt, minħabba l-potenzjal kbir li dan it-Trattat joffri lill-Unjoni Ewropeja u lil Malta. 21 Stati Membri tal-EU s'issa ffirmaw ftehim ta' promozzjoni u protezzjoni reċiproka ta' investimenti fl-Arġentina. Malta tista' tagħmel ftehim bħal dan.

5. Kif tara li Malta u l-Arġentina jistgħu jikkollaboraw, b'mod partikolari fuq l-aspett tal-industrija u l-manifattura li huma setturi ekonomiċi kbar fl-Arġentina? Tara li hemm lok fejn b'xogħlok bħala ambaxxatur tkun tista' tħeġġeġ kollaborazzjoni f'dan is-settur?

   Hemm opportunitajiet kbar għall-kumpaniji Maltin fil-qasam tal-industrija u l-manifattura. L-Arġentina huwa suq kbir li ghandu bzonnijiet kbar f'dak li huma materjali elettriċi u elettroniċi, materjal ghall istampar anke tal-munita, ħwejjeg u t-teknoloġija. B'relazzjonijiet kummercjali iktar b'saħħithom, kumpaniji u nvestituri Maltin jistgħu jidħlu f'dan is-suq kbir. Meta nitkellem ma' kollegi mill-Arġentina u pajjiżi ġirien hemm interess kbir l-iktar minn familji ta' qligħ medju u professjonisti li jibagħtu lil uliedhom jistudjaw l-Ingliż, fl-oqsma speċjalizzati ta' IT u t-Teknoloġija, u li jitħarrġu fl-oqsma tal-marketing, l-industrija u tal-manifattura. Jagħrfu l-benefiċċji li

nitkellmu bl-Ingliż f'Malta u l-klima relattivament sħuna li ħuma mdorrijin biha. Naħseb li nistgħu naħdmu qatigħ ukoll f'dan ir-rigward.

6. Tista' telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

   F'dawn l-aħħar snin servejt bħala ambaxxatur mhux residenti għall-pajjiżi Baltiċi. F'dawn is-snin ħdimt sabiex jissaħħu r-rabtiet bejn Malta u dawn il-pajjiżi. Xhieda ta' dan huma r-relazzjonijiet b'saħħithom li għandna ma' dawn il-pajjiżi u l-investiment f'Malta permezz ta' għadd ta' kumpaniji b'shareholding minn dawn il-pajjiżi.

   Barra l-ħidma tal-promozzjoni kummerċjali u kulturali, kelli ħafna rappreżentazzjonjiet ma' diversi uffiċjali minn dawn il-pajjiżi. Din il-ħidma intensifikat bil-kbir meta Malta kellha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja fl-2017. Assistejt diversi ċittadini Maltin li kellhom diversi diffikultajiet f'dawn il-pajjiżi b'mod speċjali fiż-żmien tal-pandemija tal-Ċovid-19, imma anke sal-aħħar ġimgħat.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożiżżjoni*

1. Tista' tispjega x'passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex jissodaw iktar ir-relazzjonijiet ta' pajjiżna mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

   Sa minn meta kont student kont issaħħart bil-karattru tan-nies u l-kultura u l-letteratura ta' dan il-pajjiż u bqajt insegwi x'jiġri f'dan il-pajjiż. Ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħna mal-Arġentina ħuma rregolati permezz tat-Trattati li l-UE għandha mal-Arġentina. Għalhekk huwa mportanti li nsegwu l-Joint Communications bejn l-Unjoni Ewropeja u l-Arġentina. Il-Joint Communication li jmiss għandu jinħareġ iktar tard din is-sena. Għandna nipparteċipaw ukoll u nsegwu l-laqgħat tal-UE-ĊELAĊ (pajjiżi tal-Amerika Latina u Karibew). U nappoġġjaw l-isforzi għal riżolużżjoni politika paċifika u demokrattika għall- kriżi fil-Veneżwela.

   Jekk ninħatar jien se naħdem sabiex inżidu l-għarfien bejn iż-żewġ pajjiżi. Ninnota bi pjaċir li numru ta' żgħażagħ Maltin qed iżuru l-Arġentina u jagħrfu x'esperjenża unika joffri dan il-pajjiż. Għandna wkoll numru ta' żgħażagħ mill-Amerika Latina li qed jiskopru lil Malta għat-tagħlim tal-Ingliż u korsijiet oħra. Diversi familji ta' dħul medju li għandi kuntatt magħhom, jaspiraw li jibgħatu l-uliedhom jistudjaw l-Ingliż u l-Business u t-Teknoloġija f'Malta. Dan l-għarfien għandu jwassal sabiex inkunu nistgħu nżidu l-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi u r-rabtiet kulturali u edukattivi.

   Fir-riġward tal-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi l-iktar li nesportaw lejn l-Arġentina ħuma prodotti elettriċi u ta' elettronika, materjal tal-lastiku, u makkinarju mekkaniku ieħor. Nimportaw l-iktar laħam u prodotti tal-laħam, kimiċi orġaniċi, u frott u lewż. Nemmen li b'ħidma iżjed intensiva nistgħu inżidu b'mod qawwi l-esportazzjoni lejn l-Arġentina u l-pajjiżi ġirien. Irridu nesploraw niċeċ godda bhal dawk fit-teknologija, b'mod speċjali dik ħadra, u l-farmaċewtika Dan wara li sas-sena l-oħra diġa' kien hemm żjieda fl-esportazzjoni.




2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

Ir-relazzjonijiet bejn pajjiżna u l-Arġentina iseħħu fil-qafas tar-relazzjonijiet ben l-UE u l-Arġentina, dak li jissejjaħ l-EU-Mercusor Trade Agreement: li jkopri l- Arġentina, l-Brażil, il- Paraguay u l-Uruguay – li dwaru kien intlaħaq qbil politiku f'Ġunju tal-2019 u li jinkludi Trattat komprensiv dwar il-kummerċ. Għalkemm in-negożjati dwar it-Trattat huma magħluqa, dan ma' ġiex ppreżentat lill-Kunsill. Qed issir ħidma sabiex dan it-Trattat jingħalaq. Xi stati membri ma jaqblux ma' ċerti aspetti ta' dan it-Trattat.

Minn naħa tagħna aħna nilqgħu il-koperazzjoni li dejjem qed tikber bejn l-UE u l-Arġentina. Nittamaw u naħdmu sabiex l-impasse dwar it-Trattat tal-EU-Mercosur jiġi riżolt, minħabba l-potenżjal kbir li dan it-Trattat joffri lill-UE u lil Malta.

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

Sa minn meta twaqqfu r-relazzjonijiet diplomatiċi mid-29 ta' Mejju 1975 bejn iż-żewġ pajjiżi kien hemm dejjem rabtiet eċċellenti. L-Arġentina u l-Unjoni Ewropeja jiżviluppaw ir-relazzjoniet ta' bejniethom fi ħdan il- Framework Agreement for Economic and Trade Cooperation tal-1990 li jkkostitwixxi l-bażi għall-koperażżjoni fil-kummerċ, l-ekonomija, l-aġrikoltura u l-industrija. Permeżż ta' dan it-Trattat, intlaħaq qbil f'diversi oqsma fuq is-Sajd (1993), l-użu paċifiku tal-enerġija nuklejari (1997), u l-kpperaxxjoni fix-xjenża u t-teknoloġija (1999), li ggwidaw ir-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u l-Arġentina. Il-Kummissjoni Konġunta inkarigata milli tħares dan il-fteħim u li tmexxi 'l quddiem ir-relażżjonijiet bejn l-UE u l-Arġentina ħadmet fuq l-iżvilupp reġjonali, l-enerġija, id-diġitalizazzjoni, materji maċroekonomiċi, id-drittijiet umani, u l-kooperazzjoni

internazzjonali. Dawn huma kollha oqsma li Malta għandha nteress qawwi fihom u tista' tagħti kontribut sostanzjali.

L-UE għanda relazzjonijiet kummerċjali qawwija mal-UE li ammontaw għal €16.6 biljuni fl-2021. Malta tista' tieħu parti minn dan il-kummerċ. L-UE hi t-tielet l-ikbar sieħeb kummerċjali tal-Arġentina (wara l-Brażi u ċ-Ċina) u l-kummerċ mal-UE jammonta għal 14.1% tal-kummerċ totali mal-Arġentina. L-Arġentina hija destinazzjoni importanti ta' investiment għal kumpaniji Ewropej, u jista' jkun hekk għal kumpaniji Maltin ukoll. L-investiment mill-EU fl-Arġentina laħħaq għal €35.8 biljun fl-2020. 21 Stati membri tal-EU s'issa ffirmaw ftehim ta' promozzjoni u protezzjoni reċiproka ta' investimenti fl-Arġentina. Malta tista' tagħmel ftehim bħal dan.

4. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali f'dak il-pajjiż?

   Le ma kellix u m'għandix rabtiet jew investimenti kummerċjali f'dan il-pajjiż?

5. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

   Sal-1990 kont għalliem tal-Ingliż mad-Dipartment tal-Edukazzjoni.

7. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

   Nikkonferma li qatt ma kont parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew ħdimt fil-qrib tagħhom.

8. Tista' tindika jekk kontx involut f'xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

   F'dawn l-aħħar snin servejt bħala ambaxxatur mhux residenti għall-pajjiżi Baltiċi. F'dawn is-snin ħdimt qatigħ sabiex jissaħħu r-rabtiet bejn Malta u dawn il-pajjiżi. Dan jixhdu ir-relazzjonijiet b'saħħithom li għandna ma' dawn il-pajjiżi u l-investiment qawwi minn dawn il-pajjiżi f'Malta permezz ta' għadd ta' kumpaniji b'shareħolding minn dawn il-pajjiżi.

   Barra l-ħidma tal-promozzjoni kummerċjali u kulturali, kelli ħafna rappreżentazzjon-jiet ma' diversi uffiċjali minn dawn il-pajjiżi għat-tisħiħ tar-rabtiet bejn il-pajjiżi. Din il-ħidma intensifikat meta Malta kellha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja fl-2017. Assistejt diversi ċittadini Maltin li kellhom xi diffikultajiet f'dawn il-pajjiżi b'mod speċjali fiż-żmien tal-pandemija tal-Ċovid-19, imma anke sal-aħħar ġimgħat. Saru ħafna skambji kulturali permezz ta' studenti, artisti, mużiċisti, esebizzjonijiet, kunċerti, film festivals, eċċ.

9. Tista’ tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta’ interess f’din il-ħatra tiegħek?

   Le m'għandix.

9. Tista’ tiddikjara jekk għandekx passaport ta’ pajjiż ieħor?

   Le m'għandix.

Prof. Charles L. Mifsud
5 ta’ Mejju 2023